MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 111/2022 LM

**Kim Deokhyun
(Detentur tal-Passaport tar-Repubblika tal-Korea Numru M23261005)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Kim Deokhyun (Detentur tal-Passaport tar-Repubblika tal-Korea Numru M23261005)** [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] tad-29 t'Awwissu, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li r-*Removal Order* u r-*Return Decision* li nħarġu mill-intimat **l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** [hawnhekk

‘l-appellat’] fis-27 ta’ Jannar, 2022 fil-konfront tar-rikorrent huma korretti u għandhom jiġu kkonfermati.

**Fatti**

2. Jirriżulta li r-rikorrent wasal Malta fis-sena 2019, sabiex jingħaqad ma’ martu, Heekyeong Park, detentriċi ta’ Passaport tal-Korea (bin-numru M96344326) u tal-karta ta’ residenza Maltija (numru 143975A). Mart ir-rikorrent kienet ilha tgħix Malta mis-sena 2015, u mill-atti jirriżulta li ftit xhur wara l-wasla tagħha f’Malta, din ingħatat permess biex taħdem ġewwa *language school*. Ir-rikorrent applika għal permess ta’ residenza bħala membru tal-familja, u dan il-permess ingħatalu. Fis-26 ta’ Jannar, 2022, kienet saret spezzjoni minn uffiċjali tal-Aġenzija JobsPlus flimkien ma’ uffiċjali tal-Pulizija mit-Taqsima tal-Immigrazzjoni ġewwa l-istabbiliment Kups Korean Street Food, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema, fejn waqt il-ħin tal-ispezzjoni kien hemm ir-rikorrent u martu qegħdin iservu xi ikel, u dan meta ma kellhomx permess maħruġ mill-awtoritajiet lokali sabiex jaħdmu f’dan l-istabbiliment. Ir-rikorrent u martu ġew arrestati u nżammu detenuti fiċ-Ċentru ta’ Detenzjoni ta’ Ħal Safi. Fis-27 ta’ Jannar, 2022, ir-rikorrent u martu ġew mgħarrfa li kienu nħarġu *Removal Order* u *Return Decision* sabiex huma jkollhom jitilqu minn Malta, filwaqt li ġew ipprojbiti milli jirritornaw fiż-Żona Schengen għal perijodu ta’ tliet snin.

**Mertu**

3. Fir-rikors tal-appell tagħhom quddiem il-Bord, ir-rikorrent u martu spjegaw li huma kienu ilhom jgħixu Malta għal diversi snin, u l-permessi ta’

residenza tagħhom kienu validi sal-31 t'Awwissu, 2022. Spjegaw li fis-26 ta' Jannar, 2022 huma ġew arrestati wara li nqabdu jaħdmu fi stabbiliment ġewwa Tas-Sliema, u wara nżammu f'post ta' detenzjoni għal wieħed u erbgħin (41) siegħa qabel inħelsu. Mal-ħelsien tagħhom mid-detenzjoni, ir-rikorrent u martu ngħataw ittra li permezz tagħha ġew mgħarrfa li l-permess ta' residenza tagħhom kienu qiegħed jiġi revokat, u li huma kellhom jirritornaw lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom. Fl-appell tagħhom quddiem il-Bord, ir-rikorrenti spjegaw li huma kienu trawmatizzati b'dan kollu, u għalhekk fittxew l-għajnuna tal-Konsulat tal-Korea t'Isfel fil-Belt Valletta u f'Ruma, bit-tama li jingħataw għajnuna diplomatika. Ir-rikorrenti qalu li d-detenzjoni tagħhom kienet bi ksur tal-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, għaliex huma baqgħu ma ġewx mgħarrfa bir-raġunijiet għad-detenzjoni, l-arrest u d-deportazzjoni tagħhom, u kienet qegħda ssir pressjoni fuqhom sabiex iħallu l-pajjiż mingħajr ma ġew mgħarrfa bir-raġuni għal dan. Ir-rikorrent qal li l-fatt li hu u martu ma ngħatawx din l-informazzjoni, ċaħħadhom mid-dritt li jagħmlu deċiżjoni infurmata, kif ukoll ċaħħadhom mid-dritt li jirrikorru quddiem l-awtoritajiet kompetenti u jitolbu stħarriġ dwar jekk id-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tagħhom kinitx skont il-liġi. Ir-rikorrent saħaq li din id-deċiżjoni hija leżiva wkoll tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li jipproteġi d-dritt tal-ħajja privata u tal-familja.

4. Ir-rikorrent saħaq ukoll li l-azzjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kienet waħda sproporzjonata, u d-deċiżjoni li hu u martu jiġu deportati, ma kellhiex twassal għar-revoka tal-permess validu li huma kellhom biex jirrisjedu f'Malta. Ir-rikorrent spjega li martu kienet impjegata *f'language school,* u hija kienet tmur tassisti f'ħanut tat-*take-away* b'mod okkażjonali. Qal li waqt l-

ispezzjoni li saret mill-Pulizija fil-ħanut f'Tas-Sliema, dawn ma talbux informazzjoni dwar min hu s-sid tal-ħanut jew min iħallas il-kera tiegħu, u l-mod kif tmexxiet l-ispezzjoni wassal lir-rikorrent u lil martu jaħsbu li huma kienu fil-mira tal-arrest. Qal ukoll li l-ispezzjoni saret minn Pulizija u uffiċjali tal-JobsPlus pajżana, u kien wieħed biss minn dawn l-uffiċjali li introduċa lilu nnifsu bħala uffiċjal tal-immigrazzjoni. Ir-rikorrent qal li hu u martu ma ġew murija l-ebda dokumenti b'rabta mal-arrest tagħhom, u fl-ebda ħin ma ġew spjegati lilhom id-drittijiet tagħhom. Kompla jgħid li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.14 tipprojbixxi l-impjieg illegali ta' immigranti illegali, u f'dan ir-rigward kemm hu kif ukoll martu kellhom permesss ta' residenza validu. Qal ukoll li kien obbligu tal-prinċipal li jassigura li ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom il-permessi ta' residenza meħtieġa qabel dawn jiġu impjegati, u fl-ebda waqt tal-ispezzjoni li saret ma ntalbu jidentifikaw lill-persuna li kienet qegħda tħaddimhom. Ir-rikorrent qal li l-liġi rilevanti ma ġietx applikata b'mod korrett fil-konfront tiegħu u ta' martu, għaliex il-liġi hija maħsuba biex tirregola lil min iħaddem u mhux lill-impjegati, u allega li huma ġew ittrattati bħallikieku kienu kriminali, u saħansitra kenu suġġetti għal trattament inuman u degradanti. Ir-rikorrent qal ukoll li filwaqt li l-intimat irid iwaqqaf lilu u lil martu milli jkunu jistgħu jerġgħu jidħlu fiż-Żona Schengen għal perijodu ta' tliet snin, huma qatgħu kull kuntatt mal-pajjiż tal-oriġini tagħhom, u qegħdin jgħixu f'Malta b'mod permanenti.

5. Ir-rikorrent allega wkoll li l-proċedura adoperata mill-intimat ma kinitx dik korretta, u l-uffiċjali tal-Aġenzija Identity Malta jistgħu jitolbu l-għajnuna ta' uffiċjali tal-Pulizija u għandhom jirrappurtaw illegalitajiet, imma f'dan il-każ l-uffiċjali ta' Identity Malta ma żarux il-post fejn ġew arrestati r-rikorrenti, la dakinhar tal-arrest tagħhom, u lanqas fil-ġranet preċedenti. Ir-rikorrent qal li l-

proċedura tal-arrest tiegħu u ta' martu ma kinitx korretta, u huma baqgħu ma ngħatawx kopja tal-mandat tal-arrest, ma ġewx infurmati bid-drittijiet tagħhom, u lanqas ma ġew mistoqsija jew intalbu jagħmlu xi dikjarazzjoni, u lanqas ma ngħataw interpretu waqt id-detenzjoni tagħhom. Qalu wkoll li huma baqgħu ma ġewx infurmati jekk kienx hemm xi ilment fil-konfront tagħhom.

6. Ir-rikorrenti qalu wkoll li l-Aġenzija JobsPlus kienet tagħmel spezzjonijiet b'mod regolari fil-post tax-xogħol tagħhom, u huma kienu f'kuntatt ma' JobsPlus minħabba f'dan l-impjieg sekondarju tagħhom. Ir-rikorrent qal li meta uffiċjali mill-Aġenzija JobsPlus sabu xi irregolaritajiet, dawn ma ġewx mgħarrfa lill-*employer* tagħhom, u għalhekk huma tħallew fil-limbu u fl-ebda waqt ma ġew mgħarrfa li kienu qegħdin jagħmlu xi ħaġa irregolari. Qalu wkoll li l-penali għall-impjieg irregolari hija multa, u l-liġi ma tagħtix id-dritt lill-intimat jiftaħ proċeduri kriminali jew jarresta u jumilja lil xi ħadd. Ir-rikorrent sostna għalhekk li l-intimat aġixxa *ultra vires,* għaliex dan kellu rimedji oħra disponibbli sabiex jindirizza kwalsiasi irregolarità li kien hemm fl-*istatus* tar-rikorrent.

7. Ir-rikorrent qal li qatt ma kienet l-intenzjoni tiegħu u tal-mara tiegħu li jkunu f'pożizzjoni irregolari, u minkejja dan kollu li ġara, huwa diġà talab lil min iħaddmu biex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, u sabiex jiġu kkorreġuti xi nuqqasijiet amministrattivi li seta' kien hemm. Ir-rikorrent qal ukoll li ladarba hu u martu għandhom permess ta' residenza validu, u li issa jinsab mhedded, l-i*stakeholder* ewlieni f'dawn il-proċeduri hija l-Aġenzija JobsPlus, u f'każ li din titlob xi permess mingħand l-intimat, dan ser jiġi miċħud awtomatikament.

8. In vista ta' dawn l-aggravji, ir-rikorrent talab lill-Bord jitlob lill-intimat jannulla, jikkanċella jew ineħħi r-*Removal Orders* li nħarġu fis-27 ta' Jannar,

2022, u l-ordni li r-rikorrent u martu ma jidħlux fiż-Żona Schengen għal perijodu ta' tliet snin; jannulla, jikkanċella jew ineħħi r-*Return Orders* maħruġa fl-istess data; jitlob li huma ma jibqgħux aktar suġġetti għall-miżuri u s-sanzjonijiet imposti bl-artikolu 11(6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.12; jordna li l-passaporti tar-rikorrenti jiġu ritornati lura lilhom; jordna li l-*cards* ta' residenza Maltija jiġu ritornati lura lir-rikorrenti; jagħti struzzjonijiet lill-Aġenzija Identity Malta tieqaf milli tannulla l-*cards* ta' residenza li r-rikorrenti għandhom fil-preżent, u jordna li jinħarġu l-liċenzji tal-impjieg tagħhom mal-Crispo Group Limited.

9. Fid-dikjarazzjoni maħlufa tiegħu, ir-rikorrent spjega li huwa wasal Malta fi Frar tal-2019 sabiex jistudja l-Ingliż, u sabiex jingħaqad ma' martu li hu kien iżżewweġ fil-Korea f'Jannar tal-istess sena. Qal li huwa ġie Malta sabiex isegwi lil martu, li kienet ilha taħdem f'Malta mill-2016, u huma rreġistraw iż-żwieġ tagħhom f'Malta, u hu kiseb permess ta' residenza sabiex ikun jista' jibqa' Malta bħala membru tal-familja. Qal li dak iż-żmien huwa beda jsegwi kors ta' studju *full-time* fl-istess skola fejn hija impjegata l-mara tiegħu. Ir-rikorrent qal li huwa jiddependi finanzjarjament fuq martu, u qatt ma rċieva xi forma ta' introjtu minn Kups jew mingħand xi ħaddieħor hawn Malta. Qal ukoll li meta jkollu xi ħin liberu huwa jmur l-istabbiliment Kups bħala voluntier, u f'Novembru tal-2021 uffiċjal tal-Gvern kien żar dan l-istabbiliment waqt avveniment privat bejn il-ħbieb tal-komunità Koreana, fejn huwa kien preżenti.

10. **Rene Holmgren**, f'dikjarazzjoni ġuramentata ppreżentata minnu, spjega li huwa direttur tal-Crispo Group Limited (C 48476), li hija kumpannija rreġistrata Malta bl-indirizz 147, Flat 7, Tower Road, Sliema. Qal li kienet din il-

kumpannija li ħadet ħsieb tirranġa l-ħanut fi Triq Manwel Dimech, li huwa kien beda jiġġestixxi f'Ottubru tal-2021. Ix-xhud qal li meta kienet inqalgħet kwistjoni dwar il-permess tax-xogħol ta' mart ir-rikorrent, huwa kien offra li din tiġi impjegata direttament mal-kumpannija tiegħu. Qal ukoll li f'Novembru tal-2021 huwa kien talab lil mart ir-rikorrent tiċċekkja t-tagħmir fil-ħanut u torganizza l-menu u *food tasting event.* Qal li fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru huwa kien għadu għaddej bix-xogħol ta' rinnovazzjoni fil-ħanut u għalhekk il-ħanut ma kienx miftuħ għall-pubbliku. Ix-xhud qal li l-applikazzjonijiet għall-permess tax-xogħol tar-rikorrent u ta' martu għadhom pendenti.

11. **Is-Surġent David Damato** fl-*affidavit* tiegħu qal li fis-26 ta' Jannar, 2022, saret spezzjoni fl-istabbiliment Kups, fi Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema, dwar persuni li setgħu kienu qegħdin jaħdmu f'dan il-ħanut mingħajr permess. Qal li l-ispezzjoni saret minnu u minn uffiċjali tal-Aġenzija JobsPlus. Qal li minn barra kien jidher li kien hemm mara u raġel qegħdin iservu lill-klijenti fil-ħanut, u l-mara kienet liebsa fardal u kienet qegħda ssajjar, filwaqt li r-raġel kien qiegħed wara l-*cash counter.* Qal li hekk kif daħlu fil-ħanut, huma identifikaw ruħhom u talbu lill-persuni fil-ħanut jippreżentaw id-dokumenti u l-permess tax-xogħol tagħhom. Ix-xhud spjega li mill-verifiki li saru, nstab li mart ir-rikorrent kellha permess ta' residenza validu sal-31 t'Awwissu, 2022, u dan il-permess kien sabiex hija taħdem ma' EC English Holdings Limited, filwaqt li l-persuna l-oħra, li wara nstab li kien ir-raġel tagħha, kellu permess ta' residenza biex jibqa' f'Malta bħala membru tal-familja. Ix-xhud qal li waqt li kienet għaddejja din l-ispezzjoni, ġew innutati diversi vetturi tal-kumpannija Bolt li kienu qegħdin jiġbru l-ikel mill-ħanut u jqassmuh fuq barra. Qal li mart ir-rikorrent ġiet mgħarrfa li hija ma setgħetx taħdem f'dan il-ħanut għaliex il-permess ta'

residenza li kellha kien validu biss sabiex hija taħdem mal-kumpannija EC English Holdings Limited. Mart ir-rikorrent infurmat lill-Pulizija li kienet applikat mal-Aġenzija JobsPlus sabiex tkun tista' taħdem f'dan il-ħanut. Ix-xhud qal li l-uffiċjal tal-JobsPlus informa lil mart ir-rikorrent li ma nstabet l-ebda applikazzjoni pendenti f'isimha sabiex tkun tista' taħdem f'dan il-ħanut, u kien għalhekk li dak il-ħin hija ntalbet tieqaf isservi lill-klijenti. Ix-xhud qal li mart ir-rikorrent infurmathom li l-*accountant* tal-kumpannija kien qiegħed jieħu ħsieb id-dokumenti tagħha, imma dak il-ħin hija ntalbet tagħlaq il-ħanut ladarba nstab li ma kien hemm ħadd iktar li kellu permess validu u li seta' jkompli bl-operat tal-ħanut. Qal li r-rikorrent u martu ġew infurmati li kienu ser jittieħdu d-dar tagħhom fis-Swieqi sabiex jiġbru l-oġġetti personali tagħhom, u meta r-rikorrent u martu tkellmu mal-avukat tagħhom, ix-xhud spjegalu li dawn kienu qegħdin jiġu arrestati għaliex instab li kienu qegħdin jaħdmu hawn Malta illegalment, u kienu ser jinżammu mill-Pulizja sakemm jitkomplew l-investigazzjonijiet. Ix-xhud qal li l-*mobiles* tar-rikorrent u martu qatt ma nżammu mill-Pulizija, u huma kellhom aċċess għall-*mobiles* sakemm ittieħdu fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi fejn inżammu flimkien.

12. **L-Ispettur Lara Butters** fl-*affidavit* tagħha spjegat li kienet saret spezzjoni fl-istabbiliment 'Krups' ġewwa tas-Sliema, fejn kien ġie stabbilit li żewġ persuni ta' nazzjonalità Sud Koreana kienu qegħdin jaħdmu f'dan l-istabbiliment illegalment. Qalet li mart ir-rikorrent kellha permess validu ta' xogħol sabiex taħdem ma' EC English Holdings Limited, u r-rikorrent kellu permess ta' residenza validu bħala membru tal-familja. Qalet li l-ebda wieħed minn dawn il-permessi ma kien ikopri lir-rikorrent u lil martu sabiex jaħdmu fl-istabbiliment imsemmi, u kien għalhekk li dawn ġew arrestati. Ix-xhud qalet li minkejja li l-fatt

li wieħed jinstab jaħdem mingħajr permess ma jammontax għal reat kriminali, dan il-fatt waħdu jċaħħad liċ-ċittadin ta' pajjiż terz minn kull permess li seta' kellu, u din hija konsegwenza awtomatika tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-permess. Spjegat li meta ċittadin ta' pajjiż terz ikollu permess biex jagħmel xogħol speċifiku f'Malta, dan ma jistax jagħmel xogħol ieħor li għalih ma jkollu l-ebda permess, għaliex dan ikun jammonta għal ksur tal-permess oriġinali, u jirrendieh immigrant irregolari. Ix-xhud qalet li r-rikorrent u martu nħelsu fid-29 ta' Jannar, 2022, wara li hija evalwat is-sitwazzjoni tagħhom u għamlet aktar verifiki.

13. Mart ir-rikorrent, **Heekyeong Park**, fl-*affidavit* tagħha spjegat li hija waslet Malta f'Awwissu tal-2015 sabiex taħdem bħala għalliema tal-Ingliż, l-ewwel ma' Sprachcaffe Languages Plus, u sussegwentement ma' EC English Holdings Limited. Qalet li l-permess ta' residenza tagħha nħareġ f'Ġunju tal-2016. Spjegat li f'Jannar tal-2019, hija żżewġet lir-rikorrent ġewwa l-Korea t'Isfel, u aktar tard dan ġie Malta. Qalet li hija ssostni lir-raġel tagħha finanzjarjament. Spjegat li bil-flus li qalgħet tul is-snin, u anki in vista tal-fatt li l-komunità Sud Koreana hawn Malta kienet qiegħda tikber, hija kellha l-idea li tiftaħ ristorant fuq bażi *part-time,* sabiex eventwalment tkun tista' tiftaħ in-negozju tagħha. Qalet li sabet ħanut ġewwa Tas-Sliema, u meta kienet ser tiffirma l-kuntratt ta' kera mas-sid, dan kien irrakkomandalha inġinier li jkun jista' jgħinha tlesti l-ħanut. Qalet li l-*accountant* tagħha taha l-parir li tirreġistra lilha nnifisha bħala persuna *self-employed part-time.* Ix-xhud qalet li filwaqt li rnexxielha tikseb numru tal-VAT mingħajr problemi, għal xi raġuni l-*accountant* tagħha sab problemi biex jirreġistraha mal-Aġenzija JobsPlus. Żiedet tgħid li sadanittant Rene Holmgren offra li jagħmel kollaborazzjoni konġunta magħha

minħabba li huwa kien familjari man-negozju tal-*catering* u kien ra opportunità fejn huma setgħu jaħdmu flimkien. Qalet li f'Ottubru tal-2021, Holmgren beda juża s-servizzi tal-*accountant* tagħha sabiex jimpjegaw *chef* fl-istabbiliment, iżda sadanittant il-pożizzjoni tagħha baqgħet mhijiex ċara. Spjegat li f'Novembru u Diċembru tal-2021, huma bdew jagħmlu diversi avvenimenti privati mingħajr ħlas sabiex idewqu l-ikel u jittestjaw it-tagħmir fil-ħanut, u hija kienet anki tieħu l-ikel l-iskola fejn kienet tgħallem sabiex jippruvawh id-diretturi u l-kollegi tagħha. Qalet li f'Diċembru tal-2021, ir-ristorant kien għadu mhux lest. Qalet li fil-preżent hija ġiet infurmata li ma tistax taħdem aktar f'dan in-negozju. Qalet li hija dejjem fittxet l-għajnuna u l-pariri ta' nies professjonali u hija qatt ma ħadet xi inizjattiva waħedha mingħajr ma ħadet parir qabel.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

14. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-29 t'Awwissu, 2022, il-Bord iddeċieda li r-*Return Decision* u r-*Removal Order* maħruġa fil-konfront tar-rikorrent huma korretti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***1. <u>Preliminary</u>***

*The Board:*

*Saw the return decision issued against Kim Deokhyun by the Principal Immigration Officer (hereinafter the "PIO") on 27th January, 2022 on the following grounds:*

- "You contravened the provisions of the Immigration Act or any of the regulations made thereunder"; *and*
- "You did not comply or ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which you were granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit";

*Saw the removal order issued against Kim Deokhyun on the same date by the PIO on the following ground:*

- "You have not complied with any of the provisions of the Immigration Act and subsidiary legislation made thereunder";

*Saw the appeal filed;*
*Saw the records of the sittings held;*
*Heard the witnesses; and*
*Read the documentation filed.*

***Submissions filed, evidence produced and considerations***

*In primis, the Board noted that the text of the Return Decision specifically stated that on 26th January, 2022, the appellant was found working illegally at "Kups" in Sliema whilst holding a residence permit as a family member of his wife, who held a Maltese Single Permit.*

*The first section of the appellant's appeal, which related to alleged breaches of the European Convention on Human Rights, is being ignored, as this Board does not have the power to decide questions of violations of the Constitution of Malta or of the said Convention. Se mai, such matters may be raised before the First Hall of the Civil Court in its constitutional jurisdiction, not before this Board.*

*The first issue which shall be raised by this Board is that whereas the return decision was based on two grounds, the removal order was only based on one. That being said, the cited grounds, although differently worded, are broadly similar. However, for the sake of clarity, the Board recommends that the grounds cited be uniform in their wording.*

*The second issue related to the appellant's appeal. The Board cannot emphasise enough that given that the appellant is contesting the return decision and the removal order, this Board cannot suddenly go off track and also order Identity Malta to stop annulling their current residence cards or order Identity Malta to issue the appellant with an employment licence to work for some other entity. Therefore, the sixth and the seventh requests are being rejected. In this case, the Board must decide only whether the return decision and removal order issued against the appellant is founded in fact and at law.*

*The substance of the matter is that the appellant was found working in an establishment when her permit, which was a Single Permit issued under S.L. 217.17, allowed her to work for EC English Holdings Limited. This Board must therefore decide whether this conduct breached the Immigration Act or any of the subsidiary legislation made thereunder.*

*Article 5(2) of the Immigration Act establishes that a person becomes a prohibited immigrant if that person violates any provision of the Immigration Act or any provisions of subsidiary legislation enacted thereunder. Then, Article 11 of the Immigration Act establishes that a person to whom a residence permit is issued* ***shall not, in Malta, exercise any profession or occupation or hold any appointment or be employed by any other person or engage in business without a licence from the Minister*** *(see Navjot Singh vs. L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, decided by the Court of Appeal on 26th November, 2021). Article 11 of the Immigration Act states as follows:*

"11. (1) It shall be an implied condition of any leave granted to any person under article 6(1)(a) or, saving the provisions of Part III, of a residence permit issued to any person under article 7(1) that such person shall not in Malta exercise any profession or occupation or hold any appointment or be employed by any other person or engage in business without a licence from the Minister.

(2) It shall be an implied condition of any leave granted to any person under article 6(1)(b) or extended under paragraph (c), that such person shall not in Malta exercise any profession or occupation or hold any appointment or be employed by any other person without a licence from the Minister.

(3) The Minister may grant a licence for any of the purposes mentioned in sub-article (1) or (2) for such period and under such conditions as he shall think fit and may at any time cancel or vary the conditions of any such licence."

*At this juncture, the Board underlines that according to Article 39 of the Employment and Training Services Act (Chapter 594 of the Laws of Malta), a person performing work in any place of work shall be deemed to be employed or self-employed.*
*In his appeal, the appellant admits that he was working at the premises in question on the date in question. He argues, however, that his wife was in regular contact with Identity Malta Agency in relation to her secondary employment. The Board saw Document H attached to the appellant's appeal and observes that those e-mails are simply attempts made to come to some sort of solution which complies with the law. Those e-mails do not constitute a permit which allowed the appellant to work a second job. Those e-mails certainly do not constitute a "*licence from the Minister" *as required by Article 11 of the Immigration Act.*

*It is also stated in the affidavit drawn up by Mr Rene Holmgren that in operation of the Korean food outlet in Sliema, his intention was to operate the outlet together with the appellant's wife.*

*In his affidavit, the appellant confirmed that he was in Malta as a family member of his wife, who held a permit allowing her to work for EC English Holdings Limited.* ***He admitted that he worked at the Korean food outlet as as "non-family/family working member".***

*The Board emphasises that rather than countering the PIO's case, the appellant further solidifies the facts put forward by the PIO. Furthermore, and quite importantly, in her appeal, the appellant* ***does not*** *claim that he was not working or that perhaps she has absolutely no connection with the Korean food outlet at which he was allegedly observed working.*

*In order to prevail at appeal stage, the appellant must, at the very least, try to counter the facts put forward by the PIO. In this case, this did not happen.*

*The appellant referred, in his appeal, to S.L. 217.14, and argued that instead of targeting employers, the PIO is targeting employees. This is incorrect. SL. 217.14 is meant to prevent people from employing other people illegally. However, in this case, it emerges from the appellant's wife's own affidavit and from Rene Holmgren's affidavit, the appellant's wife was always meant to be a co-owner or co-operator of the establishment. Furthermore, S.L. 217.14 is not meant to replace or to detract from a third country national's obligation to ensure compliance with law. Article 14(3) of the Immigration Act is clear insofar as it states that a person who does not fulfil or who no longer fulfils the conditions of entry, residence or free movement must leave Malta voluntarily or without delay.*

*The Board now refers to the appellant's note of final submissions, which in its view, contains multiple errors, of which some are listed hereunder.*

*1. The Immigration Appeals Board is not a court or tribunal of criminal jurisdiction. Rather, it is subject to the provisions of the Administrative Justice Act (Chatper 490 of the Laws of Malta). Immigration matters are classified as administrative law, as the Court of Appeal has often stated. Consequently, rules of procedure and evidence peculiar to criminal law do not apply to this Board.*

*2. Had the appellant's immigration position been regularised by the PIO, these proceedings would have been dropped by the PIO. The fact that they were not dropped indicates that the appellant's immigration position was not regularised.*

*3. The fact that as a South Korean national the appellant does not need a visa is irrelevant and does not mean that the provisions of the Immigration Act should be forgotten.*

*4. No one has contested the validity of the appellant's Single Permit allowing her to work for EC English Holdings Limited. The pertinent question (which has by now been answered) is whether the appellant should have legally engaged in secondary employment.*

*5. The appellant is definitely not a citizen of Malta. Citizenship and residence are two separate concepts which should not be confused. Furthermore, if the appellant believes that she qualifies for long-term resident status under S.L. 217.05, she could always lodge the appropriate application.*

*The Board therefore finds that the Return Decision and Removal Order are factually correct and merit confirmation.*

***<u>Decision</u>***
*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of the applicable subsidiary legislation, the Board rejects the appellant's appeal and confirms the Return Decision and Removal Order issued against the appellant on 27th January, 2022.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## <u>L-Appell</u>

15. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fid-9 ta' Settembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji tiegħu, filwaqt li tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata.

16. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord għaliex fil-fehma tiegħu l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni mhuwiex l-uffiċjal pubbliku li jista' jmexxi proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni, u dan m'għandu l-ebda awtorizzazzjoni jagħmel dan a tenur tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant għamel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Hubert Gerada) *vs.* Hamid Afou** tal-4 ta' Ottubru, 2021, fejn ingħad li l-Uffiċjal Prinċipali tal-

Immigrazzjoni m'għandux il-poter li jmexxi hu l-prosekuzzjoni għal allegat ksur tal-Kap. 217, Kap. 61 u Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, lanqas jekk dan l-Uffiċjal jinzerta għandu l-kariga ta' Spettur tal-Pulizija. L-appellant spjega li fil-każ odjern, l-Ispetturi tal-Pulizija mis-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni dehru quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni f'isem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, kif jirriżulta mill-atti. Qal li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma kienx l-entità kompetenti biex imexxi l-proċeduri fil-konfront tiegħu, u għalhekk dawk il-proċeduri għandhom jiġu dikjarati irriti u nulli.

17. It-tieni aggravju tal-appellant huwa fis-sens li l-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni ikkonsidra provi miġjuba quddiemu mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li ma kinux skont il-proċedura u tal-livell aċċettat fil-Qrati tagħna, u dan bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. L-appellant qal li minkejja li fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2022 l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kien iddikjara li l-provi tiegħu kienu magħluqa, fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2022 dan tħalla jressaq aktar xhieda, kif jirriżulta mill-minuti tas-seduti miżmuma quddiem il-Bord. L-appellant qal li l-istess Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ippreżenta bħala evidenza tiegħu dikjarazzjonijiet mhux iffirmati jew maħlufa, fosthom xhieda ta' uffiċjali mill-Aġenzija JobsPlus, kif ukoll ippreżenta inkartament li ma kienx maħluf. Qal li l-Bord naqas milli jordna l-isfilz ta' dawn l-*affidavits* li fuqhom ma seta' jsir l-ebda kontro-eżami, u dan minkejja li l-avukati difensuri talbu li jsiru l-kontro-eżamijiet meħtieġa. L-appellant qal li dan sar kollu bi preġudizzju għall-jeddijiet tiegħu, u bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

18. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-penali imposta fuqu hija waħda wisq ħarxa meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ. Qal li r-reat li

abbażi tiegħu nħarġu *Removal Order* u *Return Decision,* huwa reat amministrattiv, u hemm proċess u pieni li huma aktar proporzjonati għal tali reat minn dawk mogħtija mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. Qal ukoll li dan joħroġ minn dokument tat-12 ta' Novembru, 2021, tal-*Enforcement Unit* tal-Aġenzija JobsPlus, fejn wara li saret l-ewwel spezzjoni, l-appellant ingħata perijodu sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu. Qal li ma jidhirx li qatt ġew intavolati proċeduri fil-konfront tiegħu, u dan minkejja li din il-korrispondenza tgħid li sakemm il-pożizzjoni tal-appellant f'Malta ma tiġix regolarizzata, kienu ser jittieħdu proċeduri legali fil-konfront tiegħu. L-appellant qal li għalhekk il-proċedura nnifisha toffrilu soluzzjoni amministrattiva għal dan ir-reat amministrattiv, u għalhekk ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur li jimponi pieni sproporzjonati bħal ma ġara fil-każ odjern, għal offiżi li setgħu jiġu regolarizzati faċilment. L-appellant qal li huwa ferm importanti wkoll li jiġi analizzat iż-żmien qasir li fih ittieħdu d-deċiżjonijiet mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, tant li r-*Return Decision* u r-*Removal Order* in kwistjoni inħarġu fis-27 ta' Jannar, 2022, jum biss wara li saret l-ispezzjoni fl-istabbiliment fejn allegatament kienu qegħdin jaħdmu l-appellant u martu. L-appellant qal li matul dan iż-żmien, huwa u martu nżammu fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi, u dan minkejja li ma kien hemm l-ebda riskju li huma setgħu jaħarbu minn Malta jew jintraċċaw il-provi fil-konfront tagħhom, u minkejja l-fatt li huma dejjem ġabu ruħhom b'mod eżemplari. L-appellant qal li tul dan iż-żmien hu u martu ġew sottoposti għal trattament sproporzjonat li jmur lil hinn minn dak mistenni minn persuni akkużati b'reat dwar ksur ta' kundizzjoni għal permess ta' residenza. Qal ukoll li hu u martu ġew trattati bħallikieku kienu kriminali, u qattgħu lejl fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi qabel ġew rilaxxati in linea mad-dispożizzjonijiet tal-

artikolu 11(6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.12 fit-28 ta' Jannar, 2022. L-appellant qal li dan id-dokument juri kif l-appellat ma ħasibx li kien hemm xi riskju li hu u martu setgħu jaħarbu mill-pajjiż jew jintraċċaw il-provi, u li l-unika kundizzjoni li ġiet imposta fuqhom mill-appellat kienet li huma jabitaw fir-residenza tagħhom fis-Swieqi, u li jinfurmaw lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni f'każ li jibdlu r-residenza tagħhom. L-appellant qal li din l-esperjenza kienet waħda trawmatika għalih u għal martu. L-appellant qal ukoll li f'dan iż-żmien, hu u martu kellhom permess ta' residenza maħruġ mill-Aġenzija Identity Malta, u dan id-dokument ġie revokat uffiċjalment fl-20 ta' April, 2022, jiġifieri madwar tliet xhur wara li saret l-ispezzjoni mill-*Compliance Unit* tal-Aġenzija JobsPlus u mill-uffiċjali tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni. Qal li meta saret l-ispezzjoni ma kien hemm l-ebda uffiċjal minn Identity Malta preżenti, u dan minkejja li hija din l-Aġenzija li għandha s-setgħa tirregola permessi ta' residenza. L-appellant qal li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jiddependi fuq l-Aġenzija Identity Malta biex jirtira permessi ta' residenza, u dan ma jistax jirtira permessi ta' residenza unilateralment. L-appellant qal ukoll li l-pożizzjoni legali ta' martu ġiet regolarizzata temporanjament meta nħarġet *employment license* mill-Aġenzija JobsPlus fil-5 ta' April, 2022, liema liċenzja ġiet irtirata fid-19 ta' April, tal-istess sena.

19. L-appellant qal li hu u martu ġew penalizzati ulterjorment billi ġew inibiti milli jidħlu fiż-Żona Schengen għal perijodu ta' tliet snin. Qal li din ukoll hija penalizzazzjoni sproporzjonata, għaliex kemm l-appellant kif ukoll martu ilhom snin jgħixu f'Malta, u m'għandhomx rabtiet b'saħħithom mal-pajjiż tal-oriġini tagħhom, apparti li huma investew bis-sħiħ fil-permanenza tagħhom f'Malta. L-appellant qal li l-penali mposta fuqu u fuq martu, normalment tingħata lil

persuni li jiksru l-Att dwar l-Immigrazzjoni b'mod flagranti, u mhux minħabba sensiela ta' żbalji ġenwini kif ġara fil-każ odjern. L-appellant qal li jrid isir riferiment partikolari għas-sitwazzjoni tiegħu, għaliex huwa dipendenti fuq il-permanenza ta' martu f'Malta peress li l-permess ta' residenza li huwa għandu, huwa dak ta' membru tal-familja. Qal li għalhekk din il-Qorti għandha tqis li l-penali imposti fuqu huma l-aktar penali ħorox li setgħu jiġu imposti, u li dawn mhumiex proporzjonali mal-ksur tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Att dwar l-Immigrazzjoni.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

20. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa wieħed assurd. Qal li filwaqt li l-appellant jikkontendi li l-appellat għandu s-setgħa joħroġ *removal orders* u *return decisions,* fl-istess waqt qed jgħid li huwa m'għandux is-setgħa jirrispondi għal appelli quddiem il-Bord minn dawk id-deċiżjonijiet. L-appellat qal li l-proċeduri quddiem il-Bord mhumiex ta' natura penali iżda ta' natura amministrattiva, u m'hemm l-ebda ħtieġa legali li l-appellat f'dawk il-proċeduri, jiġifieri l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, jkun assistit minn rappreżentant legali. Qal li l-appell fil-fatt isir kontra l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, liema uffiċjal ikun ħareġ id-deċiżjonijiet li jkunu qegħdin jiġu appellati, u li jissejjaħ biex jiddefendi tali deċiżjonijiet. Qal li f'dawk il-proċeduri huwa ma jaġixxix bħala prosekutur, iżda bħala appellat fi proċeduri amministrattivi.

21. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellat qal li appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord iridu jsiru a tenur tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, jiġifieri

dwar punti ta' dritt. Qal li t-tieni aggravju tal-appellant huwa maħsub sabiex issir reviżjoni tal-provi mressqa quddiem il-Bord u mhux sabiex jiġu indirizzati punti ta' dritt. L-appellat qal li bit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed jistieden lil din il-Qorti tgħarbel ix-xhieda *viva voce* u l-provi dokumentarji mressqa quddiem il-Bord, u tagħmel mill-ġdid apprezzament tal-provi mressqa quddiem il-Bord. L-appellat qal ukoll li fil-każ odjern ma jirriżulta li saret l-ebda inġustizzja manifesta, u għalhekk m'hemmx lok li din il-Qorti tagħmel eċċezzjoni għar-regola li qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni użata mill-Ewwel Qorti.

22. L-appellat qal li f'każ li din il-Qorti teżamina l-mertu tad-deċiżjoni tiegħu, jirriżulta li l-appellant kellu kull opportunità jikkontesta d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu fis-27 ta' Jannar, 2022. Qal li kien l-appellant stess li ammetta li kien qiegħed jaħdem fi stabbiliment ġewwa tas-Sliema meta l-permess ta' residenza tiegħu ma kienx jippermetti tali impjieg. Qal li l-funzjoni tal-Bord hija li jgħarbel u jara jekk l-ordnijiet maħruġa minnu kinux legali, u fil-każ odjern ladarba jirriżulta li l-appellant aġixxa b'mod li jmur kontra l-kundizzjonijiet tal-permess ta' residenza, id-deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Jannar, 2022, kienet waħda ġusta. L-appellat qal li l-proċeduri quddiem il-Bord tmexxew fil-forma ta' seduti *viva voce* u kien hemm ukoll opportunità għall-partijiet li jippreżentaw provi dokumentarji. Qal li minkejja li l-Bord kellu jevalwa biss jekk id-deċiżjoni meħuda minnu l-appellat kinitx waħda legali, il-Bord għarbel l-*affidavits* imressqa mill-appellant u r-raġunijiet mogħtija minnu, u qal b'mod ċar li l-iskop tal-liġi sussidjarja 217.14 u tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 217 qegħdin huwa li ma jippermettux li jkun hemm impjiegi illegali fil-pajjiż, u sabiex il-pożizzjoni tal-immigranti f'Malta tiġi regolata b'mod trasparenti. L-appellat qal li l-Bord ma

setax jagħlaq għajnejh kif qiegħed jippretendi l-appellant, għaliex skont dan tal-aħħar, huwa kien qiegħed jgħin biss lil martu fl-impjieg tagħha. Qal li l-appellant fl-ebda waqt ma twaqqaf milli jikkontrolla l-provi quddiem il-Bord, u l-fatt li xi dikjarazzjonijiet bil-miktub ma kinux ġuramentati, ma jfissirx li dawn ma kellhom l-ebda valur probatorju. Qal ukoll li fil-każ odjern ma kienx hemm il-ħtieġa tal-ebda prova oħra, għajr għall-ammissjoni tal-appellant li kien qiegħed jaħdem fi stabbiliment b'mod illegali.

23. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellat qal li fil-każ odjern ma tmexxiet l-ebda prosekuzzjoni kontra l-appellant, u għalhekk ma kien hemm l-ebda piena għall-ebda reat. L-appellat qal li huwa mistenni li persuna li tikser il-liġijiet tal-immigrazzjoni tal-pajjiż ospitanti, ma tibqax tgawdi l-permess ta' residenza jew *stay* fil-pajjiż, u li kieku ma jeżistix dan id-deterrent, kull persuna li tixtieq issib impjieg ieħor jew li taħdem illegalment fil-pajjiż, taqbad u tagħmel dan. L-appellat qal li l-artikolu 5 tal-Kap. 217 jagħmilha ċara li f'każ li l-kundizzjonijiet ta' *stay* ġewwa pajjiżna jiġu miksura, dik il-persuna ma jkollhiex id-dritt tibqa' tirrisjedi fil-pajjiż. Qal ukoll li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma jidħolx fi kwistjonijiet bejn l-Aġenzija JobsPlus u l-appellant. L-appellat spjega li l-ordni ta' detenzjoni bejn is-27 ta' Jannar u t-28 ta' Jannar, 2022 hija konsegwenzjali għar-*removal order* u għar-*return decision,* sakemm jiġi evalwat jekk hemmx riskju li tali persuna tistax taħrab mill-pajjiż jew miż-Żona Schengen. L-appellat qal li l-fatt li l-appellant qatta' biss ġurnata ta' detenzjoni, juri li huwa għarbel il-kwistjoni kollha b'mod spedjenti għall-aħħar. L-appellat qal ukoll li kuntrarjament għal dak allegat mill-appellant, huwa m'għamel l-ebda żball ġenwin, u kien jaf x'kien qiegħed jagħmel meta daħal għal impjieg illegali u kontra l-kundizzjonijiet tal-permess ta' residenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

24. Il-Qorti kkonsidrat il-fatti li wasslu għall-appell odjern, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Bord, u issa sejra tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji sollevati mill-appellant, li huwa tal-fehma li l-appell tiegħu quddiem il-Bord ma tmexxiex b'mod proċeduralment korrett, u li huwa sofra inġustizzja u piena li mhijiex proporzjonata mal-imġiba tiegħu.

*L-ewwel aggravju: [ir-rwol tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni]*

25. Fl-ewwel lok l-appellant jgħid li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni mhuwiex l-uffiċjal pubbliku li kellu jmexxi l-proċeduri quddiem il-Bord, stante li l-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtih l-ebda awtorizzazzjoni jagħmel dan. Din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant huwa legalment żbaljat għal diversi raġunijiet. Mhuwiex ikkontestat li l-uffiċjal pubbliku li għandu s-setgħa bil-liġi joħroġ ordnijiet ta' ritorn u ta' tneħħija huwa l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u dan a tenur tal-artikolu 14 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-sub-inċiż (6) tal-istess artikolu tal-liġi jipprovdi wkoll għal sitwazzjoni fejn l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jagħmel applikazzjoni lill-Bord għar-raġunijiet speċifiċi hemm indikati. Fil-każ odjern kien l-appellant li mar quddiem il-Bord bl-appell tiegħu mid-deċiżjoni ta' ritorn u ta' tneħħija, u kien hu li fetaħ il-proċeduri kontra l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni bħala l-awtorità pubblika li ħadet id-deċiżjoni fil-konfront tiegħu. Din il-Qorti tqis li ladarba l-liġi tagħti lill-Uffiċjal Pubbliku tal-Immigrazzjoni s-setgħa li joħroġ ordnijiet bħal dawn, u dawk l-ordnijiet jistgħu jiġu kkontestati quddiem il-Bord mill-persuna li tħossha aggravata bid-deċiżjoni, huwa dan l-istess uffiċjal pubbliku li għandu

jidher quddiem il-Bord sabiex jispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu. Fil-proċeduri quddiem il-Bord, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma jidhirx bħala uffiċjal prosekutur, kif jikkontendi l-appellant, imma bħala l-parti li d-deċiżjoni tagħha qegħda tiġi kkontestata, u dan fi proċeduri ta' natura amministrattiva. Is-sentenzi li għamel riferiment għalihom l-appellant, m'għandhomx isibu applikazzjoni fil-proċeduri odjerni, għaliex kienu jittrattaw proċeduri quddiem qorti ta' ġudikatura kriminali, u mhux proċeduri quddiem bord amministrattiv. Għal dawn ir-raġunijiet, tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[il-kwalità tal-provi miġjuba quddiem il-Bord]*

26. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jesprimi tħassib li l-livell tal-provi aċċettati mill-Bord ma kienx skont il-liġi tal-proċedura, u dan bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Qal li l-Bord ippermetta l-preżentata ta' dokumenti li ma kinux iffirmati jew maħlufa, u ppermetta s-smigħ ta' provi tal-appellat, anki wara li dan kien iddikjara li l-provi tiegħu kienu magħluqa. L-appellant qal li l-Bord ċaħħdu wkoll mill-opportunità li jagħmel il-kontro-eżamijiet ta' diversi xhieda.

27. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jippermetti appelli mid-deċiżjonijiet tal-Bord fuq punti ta' dritt biss, u mhux fuq il-fatti kif jirriżultaw, jew fuq il-mod kif il-Bord jinterpreta dawk il-fatti. Fil-każ odjern l-appellant jgħid li l-mod kif il-Bord mexxa l-proċedura quddiemu u aċċetta kull prova u kull dokument li tressaq quddiemu, mingħajr ma assigura li dawn huma l-aħjar provi li setgħu jinġabu, kien leżiv tal-jeddijiet tiegħu u ta'

martu, u minħabba f'hekk ma ngħatatx deċiżjoni li tista' titqies ġusta fil-konfront tiegħu. Hawnhekk il-Qorti tirrileva, anki għas-serħan il-moħħ tal-partijiet, li f'każijiet ta' din ix-xorta, u minkejja li din il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni jew kompetenza li tgħarbel mill-ġdid tal-provi miġjuba quddiem il-Bord, xorta waħda l-atti tal-proċeduri fl-ewwel istanza, jiġu mgħarbla b'mod dettaljat ħafna minn din il-Qorti. Dan sabiex jiġi assigurat li l-inġustizzja li l-appellant jgħid li sofra bid-deċiżjoni li ngħatat mill-Bord tiġi verifikata, u jekk ikun il-każ, tiġi indirizzata minn din il-Qorti. Il-Qorti tirrileva wkoll li f'dan l-istadju mhijiex sejra tidħol fil-provi partikolari li tressqu quddiem il-Bord, iżda b'mod ġenerali tosserva li l-proċess in kwistjoni huwa wieħed pjuttost voluminuż, li juri li l-Bord kellu quddiemu diversi provi u sema' diversi xhieda. Jirriżulta wkoll li l-Bord, li għandu l-awtorità jirregola l-proċedura tiegħu, żamm għadd ta' seduti u kkonċeda żmien lill-avukati difensuri tal-partijiet sabiex iressqu n-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub. Dan kollu jindika li l-Bord ma tax id-deċiżjoni tiegħu b'mod leġġer, imma wara li ħa l-ħin biex jisma' lill-partijiet u wara li kkonsidra l-provi u s-sottomissjonijiet li sarulu.

28. Mid-deċiżjoni appellata jirriżulta li l-Bord ma straħx fuq xi prova dokumentarja partikolari, iżda l-Bord ta piż lill-ammissjoni tal-appellant li huwa kien fl-istabbiliment ġewwa tas-Sliema fil-ħin meta saret l-ispezzjoni, u li fil-ħin tal-ispezzjoni minn dan il-ħanut kien qiegħed jiġi servut l-ikel. L-appellant qal li huwa kien ikun fl-istabbiliment b'mod volontarju, u kienet martu li kienet ser tibda tiġġestixxi n-negozju flimkien ma' persuna oħra. Qal ukoll li fil-ħin meta saret l-ispezzjoni, kienet qiegħda ssir attività privata bejn għadd ta' ħbieb, imma skont kif xehdu l-uffiċjali tal-Pulizija li ħadu sehem fl-ispezzjoni, barra l-istabbiliment kien hemm diversi vetturi tal-kumpannija Bolt, u għalhekk din

tqieset bħala prova li l-istabbiliment kien qiegħed jiġi operat bħala *take-away restaurant,* u l-appellant u martu kienu qegħdin jaħdmu bi ksur tal-permess ta' residenza li kellhom dak iż-żmien. Il-Bord ma kellux bżonn wisq aktar provi minn hekk sabiex jasal għall-konklużjoni li l-appellant kiser il-kundizzjonijiet tal-permess ta' residenza, għaliex huwa qatt ma talab permess biex ikun jista' jaħdem f'pajjiżna, u dan bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn qari tad-deċiżjoni tal-Bord jirriżulta li dan ta piż lid-dikjarazzjoni tal-appellant fejn dan ammettta li fil-ħin tal-ispezzjoni huwa kien fl-istabbiliment, u ddikjara wkoll li din ma kinitx l-ewwel darba li għamel dan, aktar milli qagħad fuq xi prova jew dokument partikolari ieħor li tressaq. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat,  u tiċħdu wkoll.

*It-tielet aggravju:* *[il-proporzjon tal-piena]*

29. L-appellant jgħid li l-penali imposta fuqu hija waħda ħarxa meta wieħed jikkonsidra ċ-ċirkostanzi tal-każ. Qal li hawnhekk *si tratta* ta' reat amministrattiv, iżda l-konsegwenza tiegħu hija li huwa ser jintalab iħalli Malta, u ser jiġi pprojbit milli jidħol mill-ġdid fiż-Żona Schengen għal perijodu ta' tliet snin, u dan quddiem ċirkostanzi fejn huwa m'għad għandu l-ebda irbit mal-pajjiż tal-oriġini tiegħu, u investa fil-permanenza tiegħu f'Malta.

30. Il-Qorti kkonsidrat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 14 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, li fis-sub-inċiż (1) u (2) tiegħu jgħid li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni 'jista'' joħroġ ordni ta' ritorn u/jew ta' tneħħija fil-konfront ta'

persuna li tinstab li hija immigrant ipprojbit, kif inhu l-każ odjern.[1] Minkejja li t-test tal-liġi ma jimponix obbligu fuq l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex joħroġ ordnijiet bħal dawn b'mod tassattiv, u dan minn qari tal-ewwel sub-inċiżi tal-artikolu 14, l-artikolu 14(3) jimponi obbligu fuq kull min jinstab li qiegħed f'pajjiżna bħala immigrant projbit li jħalli Malta volontarjament, u dan mingħajr dewmien:

> "Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tolqot l-obbligu ta' xi persuna li ma twettaqx jew li ma tibqax twettaq aktar il-kondizzjonijiet ta' dħul, residenza jew moviment liberu biex titlaq minn Malta volontarjament mingħajr dewmien."

31. Il-Qorti qieset ukoll li l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, stqarr li huwa kien ilu jaf bl-irregolarità tal-pożizzjoni tiegħu sa minn Novembru tal-2021, meta kienet saret spezzjoni minn uffiċjali tal-Aġenzija JobsPlus, u l-appellant ingħata perijodu ta' żmien sabiex jirregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu. Għal xi raġuni, dan l-appellant baqa' ma għamlux, u baqa' jiffrekwenta l-istabbiliment imsemmi bi ksur tal-permess ta' residenza li kellu. Li kieku l-appellant ġie maħsud bl-ispezzjoni li saret fis-26 ta' Jannar, 2022, u dik kienet l-ewwel darba li uffiċjali minn xi entità governattiva infurmaw lill-appellant bl-irregolaritajiet fl-i*status* tiegħu, forsi kien ikollu raġun l-appellant jgħid li l-piena hija waħda sproporzjonata. Iżda fil-każ odjern l-appellant kien ilu li ġie mwissi li l-preżenza tiegħu fl-istabbiliment in kwistjoni kienet waħda bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-permess ta' residenza li huwa kien igawdi, u għalhekk huwa ma kellux jersaq

[1] Artikolu 14 (1) tal-Att jipprovdi illi: "Jekk xi persuna titqies mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li tista' tiġi ritornata bħala immigrant projbit taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5, dak l-Uffiċjal jista' joħroġ deċiżjoni ta' ritorn kontra dik il-persuna li jkollha dritt tappella kontra dik id-deċiżjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25A."; filwaqt li s-sub-inċiż (2) jipprovdi illi: "Jekk mad-deċiżjoni ta' ritorn hemm ukoll ordni ta' tneħħija dik il-persuna li kontriha ssir dik l-ordni tista' tinżamm taħt kustodja sakemm titneħħa minn Malta: ...".

lejn l-istabbiliment qabel ma jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu. Il-Qorti mhijiex ser tidħol fil-mertu tal-fatt li l-appellant u martu nħelsu mid-detenzjoni wara ftit sigħat, għaliex dak mhux il-mertu ta' dan l-appell u ma jinċidix fuq il-vertenza vera u proprja li għandha quddiemha din il-Qorti, jiġifieri fuq jekk l-ordnijiet maħruġa mill-appellat humiex xierqa u ġusti fiċ-ċirkostanzi. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki t-tielet aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellant, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**